32001D0368

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tas-7 ta' Mejju 2001
dwar l-aġġustamenti ta' l-*allowances* imħallsa lill-membri u lis-sostituti tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

(2001/368/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 258 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 166 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-talba mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tal-15 ta' Marzu 2001,

Billi:

(1) L-ammonti ta' l-*allowance* ta' kull jum imħallsa lill-membri u lis-sostituti tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/121/KEE [1], għandhom jiġu addattati.

(2) Għandha ssir disposizzjoni biex l-ammonti ta' l-*allowances* ta' kull jum jiġu riveduti wara sena, waqt li jittieħed kont tal-prinċipju mfittex mill-Kunsill li r-rimborżi għandhom ikunu bbażati fuq l-ispejjeż attwali magħmula pjuttost milli fuq arranġament ta' rata fissa.

(3) Il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali għandu jingħata permess li jiffissa l-ammonti ta' l-*allowances* ta' l-esperti,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Nru 81/121/KEE għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

1. L-*allowance* ta' kull jum għal kull jum ta' vjaġġar għandha tkun:

— EUR 120 għall-membri u s-sostituti.

2. L-*allowance* ta' kull jum għal kull jum ta' laqgħat għandha tkun:

— EUR 181 għall-membri u s-sostituti.

3. Fejn il-benefiċjarju jforni prova sodisfaċenti li jkun għamel spiża biex għadda l-lejl fil-post tax-xogħol, huwa għandu jitħallas *allowance* supplimentari ta' kull jum ta' EUR 25."

Artikolu 2

Il-Kunsill jista' jirrevedi l-ammonti stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni fuq il-bażi ta' rapport sottomess mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali sa mill-1 ta' Mejju 2002.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2001.

Hija tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2002.

Magħmula fi Brussel, fis-7 ta' Mejju 2001.

Għall-Kunsill

Il-President

B. RINGHOLM

[1] ĠU L 67, tat-12.3.1981, p. 29. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/358/KE, Euratom (ĠU L 205, tal-31.8.1995, p. 38).